KLR 1/VI/2009

Minuti ta' l-ewwel laqgħa tas-sitt Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex. Din inżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa l-1 ta' Lulju 2009 fil-17.00.

PREŻENTI:-Dr. Samuel Azzopardi, Robert Tabone, Marcel Tabone, Dr. Michael Protelli, Joe Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u s-Seg. Eżekuttiva Miriam Attard.

Joe Debricnat li hu l-aktar kunsillier anzjan presieda din il-laqgħa.

Intqalet talba.

Dr. Samuel Azzopardi li hu l-kunsillier li ġab l-aktar voti ġie mistoqsi jekk jaċċettax il-kariga ta' Sinkdu. Hu aċċetta u ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni. Robert Tabone ġie elett it-tieni wieħed u għalhekk ġie mistoqsi jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Hu aċċetta u ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni.

Is-Sindku, Dr. Samuel Azzopardi, awgura lill-kunsilliera eletti biex jaħdmu flimkien sabiex jitjieb il-livell fil-lokal tagħna. Żied li l-Kunsill għandu jikkomunika aktar man-nies tiegħu u tingħata aktar attenzjoni tal-fhemiet tar-residenti. Bħala Sindku jixtieq li f'dan il-kunsill ikun hemm element ta' sotto-kumitati u l-kunsilliera jkunu aktar involuti bl-irwol speċifku tagħhom. Tenna li jixtieq jirringrazja liż-żewġ partiti politiċi ewlenin peress li bgħatulu l-awguri għall-kariga l-gdida. Żied illi bħala kunsillieri għandna ninsew in-niċeċ tagħna li għalkemm importanti ma għandhomx ikunu kawża ta' disgwid bejnietna u saħaq għall-għadqa bejn il-kunsilliera biex naħdmu ilkoll bħala tim wieħed. Irringrazja wkoll lir-Robert Tabone, is-Sindku prċedenti u jemmem fil-kontinwita' u l-proġetti mibdija għandhom jitkomplew.

Il-Viċi Sinkdu, Robert Tabone, qal li jrid jgħati merħba lis-Sindku l-ġdid, anke' talli reġa' daħal fil-Kunsill, issa fil-posizzjoni ta' Sindku. Tenna li mhix posizzjon faċli u tieħu ħafna ħin. Hu jemmen fil-kwaitajiet li għandu s-Sindku l-ġdid u l-membri għandu jkollhom rieda waħda, dik li titjieb il-ħajja tar-residenti. Ħeġġeġ lill-kunsilliera sabiex jgħatu l-koperazzjoni tagħhom lis-Sindku biex il-pjan ta' ħidma li għandu f'moħħu jiġi mwettaqq. Hu rringrazja wkoll l-istaff tal-kunsill tal-ħidma tagħhom.

Il-Kunsillier Joe Debrincat irringrazja lis-Sindku preċedenti talli dejjem ħadmu id f'id u dejjem kien hemm il-ħsieb biex jiżdied il-ġid fil-lokal. Żied jgħdi li fil-15-il sena li ilu fil-kunsill dejjem prova li jiġi eliminat l-element politiku u parrokjali. Hekk ikunu jistgħu jitieħdu l-aħjar deċiżjonijiet possibbli.

Il-Kunsillier Dr. Michael Portelli talab l-għajnuna ta' sħabu l-kunsilliera peress li hu kunsillier ġdid. Tenna li l-membri għandhom jaħdmu id f'id sabiex hekk joħroġ l-aktar element posittiv ta' kull kunsillier u fl-aħħar tal-leġislatura kull wieħed ikun sodisfatt bix-xogħol li jkun wettaq.

Il-Kunsillier Michel Buttiġieġ irringrazja lill-kunsill ta' qabel speċjalement lis-Sindku Robert Tabone u żied jgħid li jemmen fil-kontinwita' u għalhekk jissuġġerixxi li dan il-kunsill għandu jibqa' jaħdem fuq id-devoluzzjoni tal-*playing field* ta' maġenb il-*bus terminus* fi Triq taħt Putirjal u jispera li l-Gvern Ċentrali jgħin lill-Kunsill sabiex isir il-proġett propost. Fir-rigward tal-parrokjaliżżmu minn naħħa tiegħu il-kunsillier Buttiġieġ qal li is-Soċjeta' Filarmonika Leone għad mhix qed tistiednu, bħal Kunsilliera l-oħra għall-attivitjiet li hi torganiżża.

Il-Kunsillier Marċell Tabone qal li ma sħabu jirringrazja lill-Kunsill preċedenti u anke' lill-Viċi Sindku Victor Galea Paċe u l-membru Josephine Cassar li ma kkontestawx għall-elezzjoni ta' dan il-Kunsill.

Il-Kunsillier Josef Schembri wkoll irringrazja lill-Kunsill preċedenti u qal li l-ħidma bla waqfien tal-ħames kunsill tidher ċar fix-xogħol li twettaq. Hu jittama wkoll li f'dan il-kunsill il-membri jaħdmu id f'id biex iċ-ċittadini Rabtin ikollhom il-Kunsill li jixraqilhom.

## 1. Korrispondenza

Is-Segretarja Eżekuttiva resqet korrispondenza mingħand:-

1) il-MEPA fejn il-membri ġew mgħarrfa li:-
1.1) fil-fond ta' l-*Environment Initiatives in Partnership Programme* (EIPP) hemm €140,475, fl-*Urban Improvement Fund* (UIF) hemm €17,623.52 u fil-*Commuted Parking Payment Scheme* (CPPS) hemm €661.712;
1.2) saru xi żviluppi rigward il-ħitan ta' tmin filati li jridu jittellgħu f'siti vojta li jinsabu fl-abitat;
1.3) saret applikazzjoni (PA01124/09) mid-Direttur għall-Proġetti u Żvilupp sabiex isir monument li jfakkar l-avveniment ta' l-1551meta t-Torok attakkaw lill-Għawdex;

2) l-Awtorita' dwar it-Trasport (ADT) fejn inħareġ il-permess għal:-
2.1) metru *double yellow line* fil-ġnub tal-garaxx ta' 'Randlof Court' fi Triq Ġroġ Borġ Olivier;
2.2) *un/loading* quddiem 'The Catering Centre' fi Triq Fortunato Mizzi;
2.3) *parking bays* fit-toroq Karlu Galea u Kunsill Ċiviku;
2.4) *pedestrian crossing* qabel l-iskola tal-Konservatorju ta' l-Isqof fi Triq l-Arċisoqf Pietru Paċe. Kopja ta' dan il-permess għandu jintbgħat lid-Direttur għall-Proġetti u Żvilupp minħabba li din it-tirq hi arterja;
2.5) *road hump* fi Triq Patri Anton Debono;

3) id-Direttur għall-*Customer Services* fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li nħareġ il-permess għal *traffic management* fl-*area* ta' fejn infetaħ is-'Santa Martha Adult Training Centre' fi Triq tal-Far;

4) il-Victoria Scout Group fejn ferħu lill-Kunsill il-ġdid;

5) l-Oratroju Don Bosco fejn intalab il-permess biex issir attivita' lill-istudenti tas-*summer school*, fi Pjazza Santu' Wistin nhar il-Erbgħa 26 ta' Awwissu 2009. Il-membri qablu li jinħarġ il-permess;

6) Charles Beżżina fejn fakkar lill-Kunsill sabiex isir ir-restawr fuq in-niċċa ta' San Alwiġi Consaga li tinsab fi Triq Karita'. Il-permess tal-MEPA ħareġ f'Mejju li għadda. Is-Sur Beżżina suġġerixxa wkoll li jsir restawr fuq xeltrijiet ta' Wara s-Sur fil-bidu tat-triq taż-Żebbuġ. Dwar in-niċċeċ il-kunsillier Schembri issuġerixxa li l-Kunsill javviċina lill-Dennis Mompaloe li studja l-Italia fuq restawr, sabiex tiġi restawrata n-niċċa ta' San Alwiġi Consaga. Il-membri qablu. Il-Viċi Sindku qal li l-HSBC lesti li joffru reklam sabiex isir restawr bħal dan. Il-membri qablu li l-Kunsill jistaqsi dwar dan;

7) Vincent Mamo għan-nom tal-Komunita' Tiġi Saltnatek sabiex jiġi orgnaiżżat *healing service* fi Pjazza Santu' Wistin nhar il-Ġimgħa 28 ta' Awwissu 2009. Il-membri qablu li jintalab il-permess tal-Kurja t'Għawdex;

8) Lorry Saliba fejn ma qablix li bozza eżistenti mal-propjeta' tiegħu fi triq ġdida fi Triq Għajn Qatet tiġi spostjata ma dan l-istess bini. Sadanittant saret bozza ġdida minn naħħa tal-Korporazzjoni Enemalta biex iddawwal l-*area* li kienet fid-dlam;

**2. Materji oħra**

1) Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-preżenti li fl-1 ta' Ġunju 2009 ġie ffirmat il-ftehim tad-devoluzzjoni tal-*playing filed* ta' maġenb il-*bus terminus*.

2) Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jivverifika jekk il-*parking bays* li tneħħew mill-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus* humiex bil-permess ta' l-ADT.

3) Il-Viċi Sinkdu, Robert Tabone, għarraf lill-membri li laħaq Direttur fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. F'din il-kariga ma jkunx jista' jkompli l-ħidma tiegħu bħala kunsillier. Żied jgħid li qed jistenna risposta jekk din jistax jiġi rivedut u persuni f'karigi simili jkunu jistgħu ikunu wkoll kunsilliera. Hu qal li jixiteq jibqa' jaħdem fil-kunsill pero' huma l-awtoritajiet li jiddeċiedu.

Il-laqgħa spiċċat fis-19.00. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 9 ta' Lulju 2009 fil-17.00.

Av. Samuel Azzopardi — Miriam Attard
Sindku — Seg. Eżekuttiva